**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 193/2022**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Attard)**

**-Vs-**

**SCISANNE FARRUGIA**

**Illum 9 ta' Ġunju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **SCISSANE FARRUGIA** ta' 23 sena, bint Mario u Michelle Gerada imwielda l-Pieta', Malta nhar nhar it-13 ta' Ottubru 1998 residenti gewwa l-fond 148, Triq Il-Marsa, Marsa u detentrici tal-karta ta' l-identita numru 0378598(M), li ġiet akkużata talli nhar l-ewwel (1) ta' Diċembru elfejn u dstatax (2019) għall-ħabta ta' bejn it-tlieta ta' filgħodu (03:00hrs) u s-sebgħa ta' filgħodu (07:00hrs) ġewwa l-bar Monroe Bar, Triq il-Belt, Valletta, il-Marsa u/jew fi bandi oħra fil-gżejjer Maltin:-

1. Ikkomettiet serq ta' kartiera ghad-dannu ta' Luke Mallia, liema serq huwa kwalifikat bil-"hin".

Akkużata wkoll talli nhar il-ewwel (1) ta' Dicembru elfejn u dsatax (2019) ghall-habta ta' bejn is-sitta ta' filghodu (06:00hrs) u s-sebgha u nofs ta' filghodu (07:30hrs) gewwa

l-ATM tal-HSBC ta' Triq Il-kbira San Guzepp, Il-Hamrun u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:

2. Ikkomettiet serq fl-ammont ta' €480 euros fi flus kontanti tramite credit ta' Luke Mallia, liema serq huwa kkwalifikat bil-"valur" liema ammont ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u ghoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), kif ukoll bil-hin u dan ghad-detriment ta' Luke Mallia; u

U aktar talli fl-istess żmien, lok u cirkustanzi bi hsara ta' ħaddieħor ghamlet qligħ b' qerq liema ammont ma jeċċedix il-ħames mitt euro (€500) u dan ghad-detriment ta' Luke Mallia.

Il-Qorti hija ukoll gentilment mitluba titratta ma' Scisanne Farrugia bhala persuna recidiv ai termini tal-Art. 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qorti Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba titratta ma' Scisanne Farrugia bħala persuna reċidiva ai termini tal-Art. 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semghet lill-imputata waqt l-istess udjenza tad-9 ta' Ġunju 2022 tirreġistra ammissjoni u tiddikjara li hija ħatja tal-akkużi;

Il-Qorti wissiet lill-imputata dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħha u wara illi kkonċeditilha ħin biex tirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex terga' tikkonsulta mad-difensur tagħha, kif ukoll wara li spjegatilha n-natura u s-serjeta` tal-

reati li tinsab mixlija bihom u l-piena erogabbli, semghet lill-imputata tikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tagħha.

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur jiddikjara li t-tielet imputazzjoni ngħatat bħala alternattiva għat-tieni imputazzjoni;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022 fuq talba tad-difiża għall-fini tal-piena;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata, fil-preżenza tal-Avukat difensur tagħha, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-istess imputata ħatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tagħha u kif minnha ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fedina penali pjuttost oneruża tal-imputata, il-fatt li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li l-imputata tinsab disposta li tirrifondi l-flus li serqet mingħand id-derubat. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi kif ġie dikjarat mill-Uffiċjal Prosektur, it-tielet imputazzjoni dwar ir-reat ta' qligħ b'qerq ingħatat bħala alternattiva għat-tieni imputazzjoni u osservat ukoll illi huma applikabbli għall-kumplament, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 stante illi evidentement, id-diversi atti magħmulin mill-imputata, oġġett tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet, jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda.
Iżda fuq kollox, il-Qorti qieset ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation li qiegħda ssegwi lill-imputata għall-fini ta' Ordni ta' Trattament li nħarġet fil-konfront tagħha għal perijodu ta' tliet snin, liema żmien jiskadi f'Ottubru 2022. L-Uffiċjal tal-Probation

xehdet illi fiż-żmien li ġew kommessi r-reati li tinsab mixlija bihom, l-imputata kienet għaddejja minn perijodu ħażin, tant illi l-Ordni ta' Probation li nħarġet fil-konfront tagħha kontestwalment mal-imsemmi Ordni ta' Trattament, ma baqax fis-seħħ wara li l-imputata kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha u ngħatat piena ta' priġunerija. Madanakollu, wara li skontat is-sentenza u bdiet tiġi segwita mill-istess Uffiċjal tal-Probation, jidher li l-imputata mxiet tajjeb ħafna u għamlet progress konsiderevoli tant illi llum il-ġurnata għandha impieg stabbli, għadha kif kisbet liċenzja tas-sewqan u qiegħda kull ma jmur tipprova tameljora ċ-ċirkostanzi tagħha. Ġie kkonfermat illi fil-preżent, l-imputata qiegħda wkoll attivament tfittex impieg aħjar anke fl-interess tal-aħjar trobbija tat-tifel tagħha.

Il-Qorti nnotat li l-imputata għandha relazzjoni tajba ħafna mal-Uffiċjal tal-Probation tagħha, Joanna Farrugia, u fehmet illi filwaqt li ma jidhrix li teħtieġ trattament speċifiku, l-imputata ibbenefikat ħafna meta ngħatat gwida strutturata f'ħajjitha, osservazzjoni li ġiet espressa wkoll mill-Prosekuzzjoni, mid-difiża kif ukoll mill-istess Uffiċjal tal-Probation. Hija għalhekk il-fehma tal-Qorti li fiċ-ċirkostanzi piena karċerarja ma tkunx idonea għaliex b'hekk ikun qed jiġi mfixkel u stultifikat il-progress kollu li ġie reġistrat mill-imputata, li għad għandha biss tlieta u għoxrin sena. Tqis li l-imputata, minkejja li sejra tinstab ħatja wkoll tal-addebitu tar-reċidiva[1], hija kandidat idoneu għal sanzjoni fil-komunita' u konsegwentement, għandha tkompli tibbenefika mis-superviżjoni ta' Uffiċjal tal-Probation biex tibqa' miexja fit-triq it-tajba u tibqa' 'l bogħod mill-kriminalita'. Fl-istess waqt għandha wkoll tagħmel tajjeb għat-telf li sofra l-vittma tar-reati li kkommettiet.

Peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħatja minn Uffiċjal tal-Probation tkun mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tagħha u anke li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li tista' tagħmel u li jiġi

[1] Minkejja l-ammissjoni ta' ħtija għall-addebitu tar-reċidiva, l-imputata ma tista' qatt titqies bħala reċidiva taħt l-Artikolu 289 tal-Kap. 9 għaliex qatt ma ġiet ikkundannata b'sentenza għar-reat ta' serq: kif inhuwa risaput, Ordni ta' Probation m'hijiex kundanna għall-fini tar-reċidiva.

prevenut l-għemil ta' reati oħra, sejra tqiegħed lill-ħatja taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu li tippermetti l-liġi.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni stante li din hija alternattiva għat-tieni imputazzjoni, u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261(f), 270 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lil SCISANNE FARRUGIA ħatja tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoġġi lill-ħatja taħt Ordni ta' Probation għal żmien tlett (3) snin mil-lum u dan taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation mogħtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħatja, bi kliem li hija tifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħha magħha jew tagħmel xi reat ieħor, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali, u semgħet ukoll lill-ħatja tesprimi r-rieda tagħha li tikkonforma ruħha mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta' Probation.**

**Għall-fini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil SCISANNE FARRUGIA tħallas lid-derubat, Luke Mallia is-somma ta' erba' mija u tmenin Euro (€480) bħala kumpens għat-telf soffert mill-istess derubat u dan sa mhux iktar tard minn tmien (8) xhur mil-lum.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza kif ukoll l-Ordni ta' Probation maħruġ fil-konfront tal-ħatja, jiġu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation li għandu jieħu ħsieb jaħtar bħala Uffiċjal tal-Probation, lil Joanna Farrugia.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**